# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 15**
**Rikors Guramentat Numru : 98/2015/LSO**

**Martin Galea (I.D. 554560 (M)) u Anna Stalinova Todorova (I.D. 41117(A)) personalment u bhala kuraturi *ad litem* tal-minuri Kaloyan Martin Galea Todorova**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Martin Galea u Anna Stalinova Todorova *nomine* datat 3 ta’ Frar 2015 fejn Martin Galea (I.D. 554560 (M)) bil-gurament tieghu kkonferma : -

Illi l-atturi Martin Galea u Anna Stalinova Todorova zzewwgu fil-31 ta' Awwissu 2013 (Dokument A) u ghandhom tifel wiehed Kaloyan Martin li twieled fl-4 ta' Ottubru 2014 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid anness u mmarkat Dokument B bin-numru progressiv erbat elef disa' mija sebgha u ghoxrin (4927) tas-sena elfejn u erbatax (2014);

Illi l-attrici Anna Stalinova Todorova hija ta' nazzjonalita' Bulgara u l-kunjom taghha huwa miktub fil-femminil, mentri dak tal-membri tal-familja li huma rgiel jinkiteb bil-maskil;

Illi kif jirrizulta mill-istess certifikat tat-twelid ta' l-attrici anness u mmarkat Dokument C, missierha, u cioe' in-nannu patern tal-minuri ghandu kunjomu miktub fil-maskil u cioe' Todorov u hu ukoll annotat bhala Todorov fic-certifkat taz-zwieg tal-partijiet esebit ma’ dan ir-rikors;

Illi l-minuri Kaloyan Martin huwa ta' sess maskil u ghalhekk il-kunjom tal-familja tal-omm ghandu jkun registrat bil-verzjoni maskil u cioe' Todorov u mhux bil-verzjoni femminil kif inhu prezentement registrat;

Illi ghalhekk fl-att tat-twelid tal-minuri, il-kunjom taghhom ghandu ikun Galea Todorov;

Illi r-rikorrenti minuri hekk kif irrapprezentat mill-genituri tieghu ghandu interess illi jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji u opportuni sabiex kunjomu jigi indikat bhala "Galea Todorov", u dana *a tenur* tal-artikolu 253 tal-Kodici Civili li jaghti l-jedd lill-esponenti li jitolbu ghar-registrazzjoni tal-kunjom li bih huwa konsistentement maghruf u li jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet kollha mehtiega fl-Atti tat-Twelid u fl-atti kollha tal-istat civili tieghu;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti *nomine* umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:

1. Tiddikjara li l-isem u l-kunjom korrett tar-rikorrenti minuri, huwa "Kaloyan Martin GALEA TODOROV" u mhux "Kaloyan Martin Galea Todorova" u dan *ai termini* tal-Artikolu 253(2) tal-Kap. 16;

2. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid tal-minuri li jgib n-numru progressiv 4927 tas-sena 2014, u dana billi jsiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet mehtiega fl-atti tat-twelid u f'kull att iehor relattiv u sussegwenti sabiex ismu jigi indikat u jkun maghruf bhala Kaloyan Martin Galea Todorov kull fejn ikun hemm mehtieg;

Bl-ispejjez kontra d-Direttur intimat ingunt in subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta’ Marzu 2015.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 2 ta’ Marzu 2015 (fol 21) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma: -

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi l-esponent jirrileva li skont il-ligi, ossia l-artikolu 4(3) tal-Kap 16 ulied fiz-zwieg jiehdu kunjom missierhom li mieghu jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom jew kunjom zewgha li jkun miet qabilha. F’dan il-kaz kunjom xbubit l-omm huwa "Todorova" u ghalhekk f’dan il-kaz il-kunjom li seta' jiehu l-minuri huwa "Galea" bhala kunjom tal-missier u mieghu jizdied "Todorova" bhala l-kunjom tal-omm biex b'hekk jigi "Galea Todorova" kif fil-fatt gara. Ghaldaqstant ir-registrazzjoni ta’ isem u kunjom il-minuri min-naha tal-esponenti sar korrettament ghaliex minn imkien ma jirrizulta li l-kunjom tal-omm huwa "Todorov". L-artikolu 253 jitkellem dwar korrezzjonijiet meta jkun hemm zball pero' f’ dan il-kaz ma sar l-ebda zball li jrid jigi kkoregut.

3. Illi ghalkemm l-esponent ma jiddubitax mill-fatt li f’pajjizi bhal Bulgarija hemm uzanzi differenti fejn jidhlu l-kunjomijiet li jassumu l-irgiel u n-nisa, tali eccezzjonijiet

m'humiex ikkontemplati fil-ligi Maltija u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti huma insostenibbli.

4. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta inkluz dak tat-Tlieta, 20 ta' Ottubru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Ilona Debono ghar-rikorrenti prezenti u Dr Maurizio Cordina ghad-Direttur Intimat. Dr Cordina ddikjara li m'ghandux provi x'jipproduci. Id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-26 ta' Novembru 2015 fid-9:30a.m. ghas-sentenza.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-atturi qed jaghmlu din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tat-tifel taghhom sabiex l-isem "Kaloyan Martin Galea Todorova" hemm registrat, jigi korrett u sostitwit bl-isem "Kaloyan Martin Galea Todorov" u dan *ai termini* tal-

**Artikolu 253(2) *et sequitur*** tal-Kodici Civili, liema artikoli jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni ta' l-ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta' Malta saret debitament fis-6 ta' Frar 2015 (fol 20) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

Ir-rikorrent **Martin Galea** xehed permezz ta' affidavit fejn ikkonferma li min-naha tar-Registru Pubbliku qalulu li kellu jkun registrat bil-kunjom "Todorova" biex jirrifletti d-dokumenti tal-mara tieghu, u spjega li fil-Bulgarija, s-subien huma registrati bil-kunjom tal-familja fil-verzoni maskili, u l-bniet huma registrati bil-kunjom bil-verzjoni femminili, u peress li huma ghandhom l-intenzjoni li jmorru jghixu l-Bulgarija, din il-korrezzjoni mitluba hija mehtiega.

Ir-rikorrenti **Anna Stalinova Todorova** xehdet ukoll b'affidavit, u qalet li hija omm il-minuri Kaloyan Martin, semmiet li ma kienx possibbli li jirregistraw kunjom it-tifel bhala "Todorov" u sabiex it-tifel ikun intitolat ghal cittadinanza doppja, huwa mehtieg li l-kunjom jigi korrett ghal "Todorov".

Xehed ukoll permezz ta' affidavit, il-President tal-Bulgarian Maltese Cultural Association **Valco Stoychev Valchev** li spjega li l-kunjomijiet fil-Bulgarija jikkonsistu fil-kunjom

innifsu u l-parti ahharija li tizdied mal-kunjom skont hux maskil jew femminil.

Fir-rigward tal-mertu tal-kaz, din il-Qorti hija fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna kkoncernata. Ic-certifikat tat-twelid ta' Kaloyan Martin Galea Todorova inhareg hekk mir-Registru Pubbliku *stante* li kunjom xbubit l-omm huwa "Todorova", u ghalhekk, inghata l-kunjom "Galea" l-kunjom ta' missieru u "Todorova" l-kunjom ta' ommu. Izda, gie rilevat li peress li l-wild huwa tifel, permezz tal-uzanzi fil-kunjomijiet il-Bulgarija, l-kunjom ghandu jkun "Todorov".

Illi hawnhekk *si tratta* ta' korrezzjoni ta' kunjom il-minuri, u l-intimat jiccita korrettement il-kliem testwali tal-artikolu 4(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Madanakollu, u wara li kkonsidrat x-xhieda moghtija, din il-Qorti tifhem li l-kunjom tal-omm hu essenzjalment 'Todorov' u l-aggunt tal-ittra 'a' huwa aggunt marbut prettament mas-sess feminili taghha. Hekk jsegwi mix-xhiedha ta' **Valco Stoychev Valchev** li mhiex kotnradetta.

Ukoll fid-dawl tal-affidavits prodotti, u tad-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-atturi ppruvaw li ghalkemm f' Malta t-talba ghall-korrezzjoni fl-isem Todorov, ma taghmilx differenza, izda f'pajjiz bhal Bulgarija fejn jista' jintuza d-dokument tac-certifikat tat-twelid tat-tifel kemm-il darba, jmur ighix hemmhekk, taghmel differenza.

Ghaldaqstant ma ssib l-ebda problema biex tirrikonoxxi li l-kunjom li irid jigi aggunt mal-kunjom patern 'Galea' ghandu jkun 'Todorov' billi dan mhuwiex fir-realta' ser johloq l-ebda tibdil fil-kunjom fih innifsu. Ikkonsdirat ukoll li abbazi tal-iskorta tal-giurisprudenza ta' din il-Qorti anke kif diversament presjeduta fejn gie ritenut "*Illi l-bidla f'Atti tal-Istat Civili hija mahsuba mil-ligi kemm ghall-beneficcju tal-persuna koncernata, u kif ukoll fl-interess ta' terzi, u hija f'dawn il-limiti li l-legislatur ried li l-Qorti tqis talbiet ghat-tiswija jew annotazzjoni f'atti bhal dawn."* (**Leonard Ellul sive Ellul Mercer et v Direttur tar-Registru Pubbliku -** (PA(JRM) - 21 ta' Marzu 2002) : -

Fil-kaz odjern ma tara l-ebda pregudizzju ghall-interessi ta' terzi filwaqt li korrezzjoni mitluba hija misthoqqa fl-interess tal-minuri.

Izda, taqbel mal-intimat li ma jirrizultax li sar zball da parti tal-intimat Direttur fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, u dan ser jigi rifless fil-kap tal-ispejjez.

Ghaldaqstant, il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti. Rigward il-kap tal-ispejjez, dawn ser jigu imposti fuq ir-rikorrenti billi ma jirrizultax li sar xi zball da parti tal-intimat.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-

intimat kif spjegat fis-sentenza u tilqa' t-talba tar-rikorrenti u kwindi tordna lill-intimat biex jikkoregi l-att tat-twelid (**Dok B**) u minflok "Kaloyan Martin Galea Todorova" jigi sostitwit bl-isem "Kaloyan Martin Galea Todorov". Ghaldaqstant :

**1 Tilqa' l-ewwel talba** u tiddikjara li l-isem li ghandu jitnizzel tar-rikorrenti minuri huwa "Kaloyan Martin Galea Todorov".

**2 Tilqa' t-tieni talba** fis-sens li l-korrezzjoni ordnata ghandha tigi riflessa fid-dokumenti relattivi kollha tar-rikorrenti minuri.

Tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2015**